# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 157/13/1 SM**

**Derek Fenech**

**v.**

**1. Jason Carabott**
**2. Korporazzjoni EneMalta**
**3. Kunsill Lokali Marsaxlokk u b'digriet datat il-21 ta' Novembru, 2016, l-isem Korporazzjoni EneMalta ġie mibdul għal EneMalta p.l.c. (C-65836)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Ottubru, 2018, li permezz tagħha ntlaqgħu t-talbiet attriċi b'mod limitat fis-sens li, filwaqt li

l-Ewwel Qorti ħelset mill-osservanza tal-ġudizzju lill-kumpanija EneMalta p.l.c, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati l-oħra, u filwaqt li sabet li l-attur ikkontribwixxa għall-inċident li seħħ inkwantu għal terz ($^1/_3$) tar-responsabbilità, ikkundannat lil Jason Carabott u lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk *in solidum* sabiex iħallsu l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u wieħed u sittin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€34,761.53) lill-attur. Dan wara li ġie ddikjarat mill-Ewwel Qorti li l-intimati Jason Carabott u l-Kunsill Lokali Marsaxlokk kienu jaħtu wkoll għall-inċident inkwantu għal terz ($^1/_3$) kull wieħed.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-15 ta' Frar, 2013, l-attur Derek Fenech fisser li fl-4 ta' April, 2009 seħħ inċident awtomobilistiku ġewwa Triq il-Wilġa, illum magħrufa bħala Triq il-Power Station, Marsaxlokk għall-ħabta tat-8.15p.m. fejn huwa safa' mtajjar mill-karozza bir-reġistrazzjoni numru BAA 152 misjuqa mill-konvenut Jason Carabott. Jgħid li l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tal-konvenut Jason Carabott. Fisser ukoll li l-konvenuti l-oħra kellhom sehem f'dan l-inċident billi saż-żmien li seħħ, huma naqsu mill-obbligi tagħhom li jdawwlu sew Triq il-Wilġa, illum magħrufa bħala Triq il-Power Station, f'Marsaxlokk għas-sigurtà pubblika u sabiex tiġi mħarsa l-inkolumità fiżika tal-utenti tat-triq.

3. Min-naħa l-oħra sostna li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ikkontribwixxa għall-inċident ukoll billi fi żmien l-inċident naqas li jżomm is-siġar u l-ħaxix fil-ġenb tat-triq miżbur, tant li kien impossibbli għal kwalunkwe persuna miexja fit-triq li tuża l-bankina.

4. L-attur jgħid li bħala konsegwenza ta' dan l-inċident huwa sofra diżabilità permanenti. Għalkemm il-konvenuti ġew interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni kollha li ġarrab, anke permezz ta' ittri uffiċjali huma baqgħu inadempjenti.

5. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar l-4 ta' April, 2009 ġewwa Triq il-Wilġa, illum magħrufa bħala Triq il-Power Station, Marsaxlokk għall-ħabta tat-8.15p.m.;*
>
> *2.Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-diżabilità ta' natura permanenti illi huwa sofra bħala riżultat tal-inċident de quo, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3.Tordna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex iħallsu b'mod in solidum bejniethom lill-attur, id-danni minnha hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali datati 10 ta' Marzu 2011 u 11 ta' Marzu 2011 rispettivament, u dik ippreżentata kontestwalment ma' dan l-att, u bl-interessi legali mid-data tal-preżentata ta' dana l-Att kontra l-konvenuti illi jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

6. Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk wieġeb permezz ta' tweġiba maħlufa fid-19 ta' April, 2013 u eċċepixxa: (i) preliminarjament in-nullità tar-rikors billi t-talba ma kellhiex issir kontra l-Kunsill Lokali imma kontra s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv billi l-personalità legali tal-Kunsill hija vestita

fihom; (ii) illi preliminarjament it-talba hija preskritta; (iii) it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fil-mertu u dan billi t-triq fejn seħħ l-inċident ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali, la bħala manutenzjoni, la bħala twaħħil ta' dawl u anqas għall-qtugħ ta' ħaxix billi din hija responsabbilità tal-Awtorità tal-Ambjent u Ippjanar għaliex iż-żona hija klassifikata u skedata bħala Natura 2000; (iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

7. Il-kumpanija EneMalta plc wieġbet fit-23 ta' April, 2013 permezz ta' tweġiba maħlufa u qalet hekk: (i) li m'hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatt li seħħ l-inċident; (ii) ċaħdet l-allegazzjoni fil-konfront tagħha li kkontribwiet għall-inċident; (iii) it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-proċedura u l-mod kif isir it-twaħħil tad-dawl ġo triq pubblika huwa stabbilit mil-Liġi b'effett tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 272 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li hija trid tirċievi avviż kif imiss, meta fi triq ikun hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu lampi pubbliċi jew li tipprovdi enerġija elettrika għal-lampi pubbliċi u tkun trid timxi mal-istruzzjonijiet ta' għamla teknika li taf toħroġ l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Għaldaqstant hija ma tistax minn jeddha twaħħal lampi pubbliċi u tagħti provvista tad-dawl fejn jidhrilha xieraq iżda tista' tagħmel dan biss wara li tingħata avviż mingħand Ministru (Kunsill) relattiv; (iv) mingħajr preġudizzju, sostniet li parti mit-triq inkwistjoni kienet imdawwla u kellha lampi pubbliċi, filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk applika għat-twaħħil tad-dawl sabiex

tinxtegħel il-parti l-oħra ta' Triq il-Wilġa, magħrufa bħala Triq il-Power Station, fis-16 ta' Novembru, 2009, seba' xhur wara li seħħ l-inċident; (v) minkejja numru ta' interpellazzjonijiet bil-miktub kif ukoll verbalment dwar il-lok eżatt fejn seħħ l-inċident, ċjoè f'liema parti ta' Triq il-Wilġa safa' mtajjar, iżda l-attur baqa' inadempjenti; (vi) l-installazzjoni tas-sistema kollha ta' tidwil fit-toroq u l-manutenzjoni ta' dawk l-installazzjonijiet tat-tidwil li huma taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali, huma funzjoni li ġiet delegata lil kull Kunsill Lokali għal dak li għandu x'jaqsam mat-twaħħil fil-lokalità tiegħu, sa mid-data relattiva u fit-Tieni Skeda Artikolu 2(2). Id-data effettiva għad-delega għal Marsaxlokk kienet 30 ta' Diċembru, 2002 skont Leġislazzjoni Sussidjarja 363.91; (vii) hija ġiet infurmata l-ewwel darba b'dan l-inċident permezz ta' ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu, 2011 u hija wieġbet permezz ta' ittra bonarja tal-24 ta' Marzu, 2011 li permezz tagħha talbet għal kjarifiki iżda l-attur ma weġibx għal din l-ittra; (viii) għaldaqstant sostniet li mhijiex responsabbli għal ebda danni mġarrba mill-attur.

8. Jason Carabott wieġeb permezz ta' tweġiba maħlufa tad-29 ta' April, 2013, li permezz tagħha qal hekk: (i) ippreċiża li l-inċident seħħ fit-8.15p.m u mhux ta' filgħodu kif ingħad oriġinarjament fir-rikors maħluf[1]; (ii) l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 u/jew 2154 tal-Kodiċi Ċivili[2]; (iii) ċaħad ir-responsabbilità tiegħu għall-inċident billi sostna li

[1] Din l-eċċezzjoni ġiet eżawrita wara li saret il-korrezzjoni meħtieġa permezz ta' digriet tal-5 ta' Lulju, 2013.
[2] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014.

huwa kien fl-impossibilità li jevita l-inċident. Sostna li għalkemm kien qiegħed isuq bil-galbu skont kif rikjest mil-liġi, l-attur kien qiegħed jimxi fit-triq u mhux fuq il-bankini, liebes l-iswed u b'dahru lejn id-direzzjoni li minnha kienu ġejjin vetturi, tant li l-konvenut jgħid li ntebaħ bl-attur, biss wara li seħħ l-inċident. Magħdud ma' dan, it-triq kienet mudlama għal kollox b'ebda dawl pubbliku; (iv) inkwantu għad-danni fuq il-persuna tal-attur mitluba, il-konvenut eċċepixxa li l-attur għandu jagħti prova illi effettivament ġarrab tali danni mitluba, inklużi dawk li jikkonsistu f'diżabilità permanenti, u wkoll provi dwar l-ammont li skont għandu jiġi likwidat favurih; (v) fil-fatt m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati; (vi) il-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (vii) fisser li l-eċċezzjonijiet kollha tressqu mingħajr ebda preġudizzju għal xulxin; (viii) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

9. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Ottubru, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li:

> *"Takkolji l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*
> *Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-intimati Carabott u Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk;*
>
> *Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Fenech bil-limitazzjoni li hu wkoll hu responsabbli li kkontribwixxa għall-inċident in diżamina;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, fir-rigward, (ara paragrafu numru sebgħa u sittin (67.), aktar qabel), tillikwida d-danni komplessivi fir-rigward fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u wieħed u sittin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu, (€34,761.53);*
>
> *Tikkundanna lill-intimati Jason Carabott u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk biex in solidum bejniethom iħallsu dan l-ammont hekk*

*likwidat fil-paragrafu preċedenti lir-rikorrenti Derek Fenech bl-imgħaxijiet fuq l-istess jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza odjerna;*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu bejn ir-rikorrenti u l-intimati Carabott u l-Kunsill Lokali de quo fl-ammont ta' terz (⅓) kull wieħed."*

10. Wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali, kif ukoll iddikjarat li t-tieni eċċezzjoni tal-istess Kunsill kienet waħda irritwali u li fi kwalunkwè każ, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma kinitx siewja billi l-perjodu preskrittiv ta' sentejn kien ġie interrott, ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

**"*B. 1. Ir-Responsabbilità tal-intimat Carabott:***

*25. Illi l-intimat Carabott kien qed isuq il-vettura numru BAA – 152 fit-triq fejn seħħ is-sinistru in diżamina fuq riferit, (ara paragrafu numru wieħed punt wieħed, (1.1.), aktar qabel);*

*26. Illi bħala konduċent ta' vettura l-imsemmi intimat kellu l-obbligu li jżomm dik l-attenzjoni xierqa rikjesta fis-sewqan;*

*27. Illi t-triq in diżamina hi waħda li tagħti viżwali konsiderevoli u fit-tul, u ma toffri l-ebda ostakolu, (ara fol 136);*

*28. Illi nonostante s-suespost fl-istess ħin jiġi ribadit li s-sewqan tal-intimat Carabott ma jistax jitqies li kien xi sewqan skonsiderat jew perikoluż;*

*29. Illi però, jirriżulta assodat li ma żammx dik l-attenzjoni xierqa, ("proper look out"), rikjesta, mil-liġi – tant li seħħ l-inċident in kwistjoni;*

*30. Illi ovvjament jiġi sottolineat li s-suespost mhux qed jiġi kkonsiderat waħdu ad esklużjoni ta' fatturi oħra rilevanti li ser jiġu esplorati aktar 'il quddiem;*

*31. Illi però, limitatament għal dak fuq sintetikament elenkat, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat għandu responsabbilità konsiderevoli fir-rigward tal-inċident de quo;*

*Ikkunsidrat:*

***B. 2. Ir-Responsabbilità tal-Kunsill Lokali intimat:***

*32. Illi l-Kunsill de quo isosstni li t-toroq arterjali ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu, (ara foll 75);*

*33. Illi però jirrizulta paċifiku li hi r-responsabbilità tal-Kunsill in kwistjoni li jiżbor is-siġar u jaqta' l-ħaxix fit-triq de quo b'mod li ma jħallix il-bankina tispiċċa ta' periklu għal kull min jimxi fuqha billi l-utent tal-istess bankina jkun kostrett jinżel fit-triq biex ikun jista' jibqa' għaddej fi triqtu;*

*34. Illi f'dan ir-rigward jirriżulta li kien biss wara li seħħ l-inċident hawn in diżamina li l-Kunsill in kwistjoni kiteb lill-Cleansing Servicing Department biex jiżbor is-siġar u jaqta' l-ħaxix in kwistjoni, (ara foll 309);*

*35. Illi jiġi wkoll sottolineat li kien id-dover tal-istess Kunsill intimat li jitlob li jitwaħħlu l-arbli tad-dawl fit-toroq biex sussegwentement is-socjetà EneMalta tipproċessa tali applikazzjonijiet u tinstalla d-dwal kif mitluba, (ara foll 320);*

*36. Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Joseph Saliba vs. Is-Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar et, datata t-28 ta' Jannar, 2008**, fejn ġie ritenut is-segwenti:*

*"Hu prinċipju konsolidat kemm fid-duttrina kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi afdata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diligenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta' korrettezza bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn esklużjoni ta' xogħlijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili;*

*"Fl-ambitu ta' din it-tematika l-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001**) kellha dan xi tgħid:-*

*"Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'nemine laedere' in osequio alla quale essa e tenuta a far sicché l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto)";*

*37. Illi ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited nomine et vs. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta et**, datata l-21 t'Ottubru, 2016, li f'dan ir-rigward irriteniet ukoll is-segwenti:*

*"Hu essenzjali li siġar li hemm fit-toroq, minn żmien għal żmien jiġu eżaminati*

*biex minnhom jitneħħew dawk il-partijiet li fihom ħsara, jew li huma mejta, morda jew li minħabba d-daqs tal-friegħi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjiżna tonqos kultura ta' saħħa u sigurtà. Hu essenzjali li jiġi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-siġar f'postijiet pubbliċi huma spezzjonati kemm hu neċessarju. Spezzjoni li għandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-siġar u dan għandu jwassal biex isir risk assessment. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jieħu passi raġonevoli biex inaqqas ir-riskji";*

*38. Illi minn eżami tar-riżultanzi in atti jirriżulta nuqqas da parti tal-Kunsill Lokali intimat milli jespleta l-obbligi tiegħu fir-rigward billi ma talabx li jiġu miżbura s-siġar u l-ħaxix in kwistjoni jew li japplika għall-installazzjoni tal-arbli tad-dawl fit-triq de quo ħlief wara li seħħ l-incident in diżamina;*

*39. Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-istess Kunsill Lokali intimat naqas mill-obbligu tiegħu tal-prudenza, diliġenza u li jeżercita l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja skont id-dettam tal-Artiklu 1031 tal-Kap. 16 u dan, billi naqas fil-manutenzjoni minnu rikjesta li jitlob għaż-żbir tas-siġar u ħaxix involut u li japplika għall-installazzjoni tal-arbli tad-dawl fejn kienu meħtieġa;*

*40. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-Kunsill Lokali intimat għandu responsabbilità x'iġorr fir-rigward tal-inċident de quo;*

*Ikkunsidrat:*

***B. 3. Ir-Responsabbilità tas-socjetà intimata EneMalta p.l.c.:***

*41. Illi kif determinat aktar qabel, (ara paragrafu numru disgħa u tletin, (39)), kien l-obbligu tal-Kunsill Lokali intimat li jitlob għall-installazzjoni tal-arbli tad-dawl fit-triq in diżamina mis-soċjetà intimata de quo;*

*42. Illi kien biss wara li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni mill-imsemmi Kunsill Lokali li s-soċjetà EneMalta intimata kien jiskattalha d-dmir li tipproċessa l-istess applikazzjoni u eventwalment tinstalla l-arbli rikjesti;*

*43. Illi mill-atti jirriżulta li l-imsemmija soċjetà intimata qatt m'irċeviet l-imsemmija talba jew applikazzjoni mill-Kunsill Lokali intimat għat-tqegħid t'arbli tad-dawl fit-triq in kwistjoni qabel seħħ l-inċident, u kien biss fis-16 ta' Novembru, 2009, u għalhekk tmien (8) xhur wara li kien seħħ l-inċident in diżamina, li l-Kunsill Lokali de quo kien applika għall-imsemmija arbli tad-dawl, (ara fol 320 u l-artiklu 40 tal-Kap. 272 tal-Liġijiet ta' Malta a fol 347, 356 u 377);*

*44. Illi għalhekk is-soċjetà EneMalta hawn intimata tirriżulta li hi eżenta minn kull responsabbilità fir-rigward;*

*45. Illi in vista tal-premess it-tielet (3) risposta ġuramentata tas-soċjetà EneMalta intimata għandha tiġi akkolta;*

*Ikkunsidrat:*

***B. 4. Ir-Responsabbilità Kontributorja tar-rikorrenti Fenech:***

*46. Illi in vista tar-riżultanzi kif fuq elenkati dan il-kap jirriżulta li hu wieħed doveruż;*

*47. Illi fir-rigward terġa' ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Saliba vs. Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36), aktar qabel), li rriteniet is-segwenti:*

*"Għalkemm l-amministrazzjonijiet pubbliċi iridu jassiguraw liċ-ċittadini li t-toroq u bankini huma miżmuma fi stat tajjeb u ma jesponux lill-istess ċittadini għal perikoliżità żejda, min-naħa l-oħra ċ-ċittadini għandhom id-dover biex ikunu attenti waqt li qed jagħmlu użu mill-istess bankini u toroq pubbliċi";*

*48. Illi ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***William Saliba vs. Edward Camilleri, datata l-10 ta' Diċembru, 2004****, li rriteniet li:*

*"Il-pedestrian għandu dover tiegħu wkoll u mhux il-każ li dejjem għandu raġun. Fil-fatt it-triq hi tat-tnejn (pedestrian u driver), bid-debita diliġenza mistennija mit-tnejn. Salv li bejn vettura u pedestrian hu dan tal-aħħar li hu l-iktar fraġli";*

*49. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu preċedenti hemm kompliet ukoll billi enfasizzat is-segwenti: "Bħalma qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni*** *fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 1998:*

*"Hu ċar li kemm il-pedestrian kif ukoll id-driver għandhom dmirijiet u responsabilitajiet bħal utenti tat-triq u kull wieħed minnhom kien bil-liġi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jiġi assigurat illi fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jużaw it-triq ma jagħmlu xejn biex ifixklu lil ħaddiehor fl-użu leġittimu tal-istess triq. Hu meta jsir abbuż mid-dritt ta' dan l-użu billi ma jiġux osservati r-regolamenti li l-liġi timponi li jinħolqu ċirkostanzi li jipprovokaw is-sinistru. Minn dan in-nuqqas, sew jekk tal-pedestrian, sew tas-sewwieq, temani r-responsabbilità għall-akkadut";*

*50. Illi minn eżami tar-riżultanzi kif ippreżentati in atti, din il-qorti ma tistax ħlief li tirravviża wkoll nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti;*

*51.0. Illi l-inċident de quo seħħ meta:*

*51.1. Ir-rikorrenti Fenech kien mar jiġġoggja ma' sieħbu Julian Borg, (ara fol 142, 313 u 360);*

*51.2. Illi dawn kienu qed jiġru fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk, filgħaxija għall-ħabta tat-8.20p.m. tal-4 t'April, 2009, (ara Rapport tal-Pulizija a fol 127);*

*51.3. Illi f'dak il-ħin it-triq kienet waħda mudlama, (ara fol 127, 313, 360 u 363);*

*51.4. Illi fit-triq de quo ma kienx hemm arbli tad-dawl, (ara fol 127);*

*51.5. Illi kemm ir-rikorrenti Fenech u sieħbu Borg kienu qed jiġru b'daharhom lejn it-traffiku ma' ġenb xulxin fit-triq de quo u mhux fuq il-bankina, (ara fol 313), bir-rikorrenti Fenech fuq in-naħa ta' barra, (ara fol 313);*

*51.6. Illi l-imsemmija Fenech u Borg kienu kostretti jinżlu mill-bankina minħabba l-ħaxix ħażin, (ara fol 313);*

*51.7. Illi ż-żewġ sportivi in diżamina kienu lebsin l-iswed, (ara fol 313), jew ħwejjeġ skuri, (ara foll 360 u 363);*

*51.8. Illi l-istess sportivi ma kinux lebsin ħwejjeġ li jleqqu jew li jirriflettu d-dawl, senjatament fluorescent vest, (ara fol 313);*

*51.9. Illi l-intimat Carabott kien qed isuq bil-mod bl-engine break, b'veloċità ta' tletin (30) mil fis-siegħa, (ara fol 313);*

*52.0. Illi mill-assjem tal-fatti fuq elenkati għandu jirriżulta paċifiku li meta r-rikorrenti:*

*52.1. Kien liebes skur meta kien fi dlam ċappa;*

*52.2. Ma kellux sinjali distintivi li jirriflettu d-dawl ta' vetturi li jistgħu jkunu għaddejjin minn ħdejh;*

*52.3. Kien qed jiġri f'nofs it-triq;*

*52.4. Kien b'dahru lejn il-karozzi li jiġu minn warajh;*

*allura l-istess rikorrenti kien negliġenti fir-rigward u għalhekk ikkontribwixxa hu wkoll għas-sinistru in diżamina*

*53. Illi in vista tal-premess jiġi għalhekk sottolineat li din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Fenech kien ukoll negliġenti fir-rigward u konsegwentement hu wkoll ikkontribwixxa għas-sinistru in diżamina;*

*Ikkunsidrat:*

*54. Illi fir-rigward tal-Likwidazzjoni tad-Danni reklamati jingħad sintetikament is-segwenti:*

*A. Damnum Emergens:*

*55.0. Illi fir-rigward tal-ispejjeż mediċi inkorsi mir-rikorrenti Fenech*

*jirriżulta li ppreżenta diversi riċevuti fir-rigward, (ara fol 13 sa 22), li jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*

*55.1. Fol 13: € 31.81;*
*55.2. Fol 16: €140.00;*
*55.3. Fol 17: € 14.00;*
*55.4. Fol 19: € 50.00;*

*€235.81 Total – qed jiġu akkolti*

*56. Illi r-riċevuti prodotti a fol 15, 18, 20, 21 u 22 qed jiġu respinti stante li ma ġewx debitament spjegati a sodisfazzjon tal-qorti;*

*57.0. Illi fir-rigward tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar inkorsi mir-rikorrenti Fenech jirriżulta li ppreżenta wkoll diversi riċevuti fir-rigward, (ara fol 23 sa 43), li jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*

*57.1. Fol 23: hemm indikat l-ammont ta' €732.81, liema ammont ġie ikkontestat mill-intimat Carabott, (ara fol 403), billi oġġezzjona għall-ivvjaġġar tal-ġenituri tar-rikorrenti u konsegwentement din il-qorti qed tilqa' biss l-ammont relattiv tar-rikorrenti, senjatament l-ammont ta' €241.27;*

*Total: €241.27*

*57.2. Illi r-riċevuti prodotti a fol 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42 u 43 jirreferu prinċipalment għall-ivvjaġġar tal-ġenituri tar-rikorrenti jew għall-ispejjeż li ma ġewx debitament spjegati għas-sodisfazzjon ta' din il-qorti u konsegwentement, qed jiġu respinti;*

*58. Illi fir-rigward tal-ispejjeż konnessi ma' korsijiet reklamati mir-rikorrenti jiġi sottolineat li r-raġuni għaliex dan ma setax ikompli bl-istess korsijiet li kien ġa nkiteb għalihom ma tirriżultax debitament spjegata li kienet konnessa mal-inċident in diżamina u għalhekk qed jiġu respinti:*

*59.0. Illi fir-rigward tal-ispejjeż legali jingħad sintetikament is-segwenti:*
*59.1. Fol 49: €417.47*
*59.2. Fol 51: €118.00*

*Total akkolt: €535.47*

*60.Illi l-kont datat is-27 t'Awwissu, 2009, (ara fol 52), rilaxxat f'isem missier ir-rikorrenti ma jistax jiġi likwidat stante li l-konnessjoni mal-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna ma jirriżultawx li ġew ipprovati;*

*61.0. Illi fir-rigward tal-ispejjeż anċillari reklamati mir-rikorrenti jingħad sintetikament is-segwenti:*

*61.1. Fol 53 sa 58: It-talbiet hemm kontenuti għandhom jiġu respinti stante r-rilevanza tal-istess għall-inċident in diżamina ma tirriżultax debitament ipprovata;*

*61.2. Fol 59 : €180.00 Neck Support Pillow qed tiġi akkolta.*

*62.0. Illi fir-rigward tat-telf effettiv ta' introjtu tar-rikorrenti mis-17 ta' Ġunju, 2009, sa Mejju, 2010, stante li riżultat tal-inċident in diżamina spiċċa mingħajr xogħol, jingħad is-segwenti*
*62.1. Illi fil-perjodu in diżamina r-rikorrenti kienu jipperċepixxi salarju annwu ta' €17.820.99, (ara fol 61);*

*63.0. Illi għalhekk l-ammont komplessiv relattiv għad-Damnum Emergens reklamat qiegħed jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:*
*63.1. Spejjeż Medici : € 235.81*
*63.2. Spejjeż għall-Ivvjaġġar: € 241.27*
*63.3. Spejjeż re Korsijiet : € 000.00*
*63.4. Spejjeż Legali : € 535.47*
*63.5. Spejjeż Anċillari : € 180.00*
*63.6. Spejjeż re Telf t'Introjtu: €17,820.99*

*Total: €19,012.73*

*Ikkunsidrat:*

***B. Lucrum Cessans:***

*64.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostni sintetikament is-segwenti, (ara fol 10 u 395):*
*64.1. Introjtu gross annwali ta' €22,013.00;*
*64.2. Illi rigward il-**Multiplier** jingħad is-segwenti:*
*64.2.1. Illi fid-data tal-inċident ir-rikorrenti kellu 23 sena, (ara fol 395);*
*64.2.2. Illi għalhekk ser jiġi adottat Multiplier ta' 35;*
*64.2.3. Illi l-qorti qed tadotta persentaġġ ta' 5% diżabilità permanenti, (ara fol 219);*

*64.3. Illi rigward il-**Lump Sum Payment Deduction** jingħad is-segwenti:*

*64.3.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri**, datata s-**27 ta' Frar, 2004**, li rribadiet is-segwenti:*

*"... għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi intavolata l-kawża relativa u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv;*

*64.3.2. Illi di più, ssir referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Agius et vs. All Services Limited**, datata t-2 ta' Ġunju, 2005, li f'dan ir-rigward irriteniet:*

*"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawża iddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża iddum biex tiġi deċiża";*

*64.3.3. Illi jirriżulta inkonfutabbilment li l-inċident in diżamina seħħ fl-4 t'April, 2009, (ara fol 127);*

*64.3.4. Illi jirriżulta wkoll daqstant inkonfutabbli li l-proċedura odjerna ġiet intavolata fil-15 ta' Frar, 2013, (ara fol 1);*

*64.3.5. Illi s-sentenza fir-rigward qed tiġi pronunzjata fis-16 t'Ottubru, 2018;*

*64.3.6. Illi in vista tal-premess allura għandu jkun hemm tnaqqis ta' 14%;*

*65. Illi konsegwentement il-Lucrum Cessans għandu jinħadem bil-mod segwenti:*

*€22,013.00 x 35 x 5% - 14% = €33,129.56*

*Ikkunsidrat:*

*66.0. Illi tenut kont tas-suespost id-danni riskontrati allura qed jiġu likwidati bil-mod segwenti:*

*66.1. Damnum Emergens: €19,012.73*
*66.2. Lucrum Cessans : €33,129.56*
*66.3. Total: €52,142.29*

*Ikkunsidrat:*

*67. Illi jiġi però sottolineat kif fuq stabbilit, (ara paragrafi sitta u erbgħin, (46) sa tlieta u ħamsin (53) li r-responsabbilità għall-inċident in diżamina għandha tinġarr b'mod ugwali bejn ir-rikorrenti Fenech u l-intimati Carabott u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk f'porzjon ta' terz (⅓) kull wieħed;*

*Ikkunsidrat:*

*68.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-każ tiegħu skont il-liġi fil-limitazzjonijiet fuq esposti, u konsegwentement:"*

11. Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk appella minn din is-sentenza b'rikors

tal-31 ta' Ottubru, 2018 u ressaq tliet aggravji, għalkemm l-ewwel u t-tielet aggravji jistgħu jingħaqdu flimkien: (i) apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi mressqa u tal-liġi; u (ii) għall-inċident kienu jaħtu l-attur u l-konvenut Carabott, u jekk kellu jintefa' xi tort fuq xi Awtorità din kellha tkun Transport Malta li ma kinitx parti fil-kawża. Anness mar-rikors tal-Appell, il-Kunsill Lokali ehmeż Dok KLM1 li fih lista ta' toroq li huma arterjali u distributorji.

12. Fit-tweġiba tagħha, il-kumpanija EneMalta plc tas-27 ta' Novembru, 2018, tgħid li l-appell għandu jiġi miċħud. Inkwantu għad-dokument KLM1 sostniet li dan id-dokument qatt ma tressaq bħala prova fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk huwa inammissibbli f'dan l-istadju tal-appell mingħajr it-talba skont l-Artikolu 150 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Derek Fenech wieġeb fis-27 ta' Frar, 2019 u tenna li l-appell tal-Kunsill Lokali għandu jiġi miċħud. Għall-istess raġunijiet imressqa mill-kumpanija konvenuta sostna li Dok KLM1 ma kellux jingħata piż. Huwa ressaq ukoll appell inċidentali b'żewġt aggravji: (i) li huwa ma kkontribwiex għall-inċident; u (ii) l-*lucrum cessans* likwidat huwa baxx wisq.

14. Jason Carabott ippreżenta t-tweġiba tiegħu għall-appell tal-Kunsill

Lokali ta' Marsaxlokk fis-27 ta' Mejju, 2013 u sostna li l-appell għandu jiġi miċħud. Minbarra dan, huwa ppreżenta t-tweġiba għall-appell inċidentali fl-24 ta' Ġunju, 2013 u għar-raġunijiet imsemmija minnu tenna li l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2023 l-appell ġie differit għat-trattazzjoni, jekk ikun il-każ, għat-23 ta' Marzu, 2023 u dan billi d-difensur tal-appellant Kunsill Lokali Marsaxlokk ma kienx preżenti.

16. Ra li fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2023 id-difensur tal-appellant Kunsill Lokali Marsaxlokk ma deherx. Ra li l-partijiet l-oħra fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2023 straħu fuq l-atti u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

17. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Qabel xejn jingħad li la l-attur u lanqas Jason Carabott u l-Kunsill Lokali Marsaxlokk ma appellaw minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ħelset lill-EneMalta p.l.c. mill-osservanza tal-ġudizzju.

19. Il-konvenut Jason Carabott m'appellax mid-deċiżjoni tal-Ewwel

Qorti.

20. Induru issa għall-**<u>appell prinċipali</u>** tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk. L-<u>ewwel u t-tielet aggravji</u> tal-Kunsill Lokali se jitqiesu f'daqqa billi t-tnejn huma dwar l-apprezzament tal-provi u tal-Liġi mwettqa mill-Ewwel Qorti.

21. Hekk kif inhu miżmum, l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux normalment jiġi disturbat, sakemm mhux għal xi raġuni gravi, madankollu, huwa minnu wkoll li: "*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal- Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr.***

***Joseph Muscat – Prim Ministru et***).

22. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża.

23. Il-Kunsill appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx każ tal-provi prodotti minnu. Il-kwistjoni kollha ddur mal-fatt jekk il-Kunsill kellux l-obbligu wkoll tat-Triq il-Power Station f'Delimara, jew jekk din kinitx triq arterjali u b'hekk mhux kompetenza tal-istess Kunsill. Jirreferi għall-**Att dwar il-Kunsill Lokali** li jimponi obbligi u responsabbilitajiet lill-Kunsilli Lokali fit-toroq li huma residenzjali u rurali u mhux dawk arterjali. Dawn ir-regolamenti u responsabbilitajiet inbidlu minn żmien għal żmien u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tqis dawk ir-regolamenti u responsabbilitajiet li kienu fis-seħħ fi żmien l-inċident. Jgħid li l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk irreferiet għal sentenzi reċenti u wara li kien sar tibdil fil-liġi u fir-regolamenti.

24. Il-Kunsill appellant jgħid li fis-sena 2009, il-Kunsilli Lokali kellhom kompetenza biss biex ibiddlu l-bozoz tat-toroq li taħthom kienu jaqgħu bħala kompetenza. Il-Kunsilli Lokali kienu jqabbdu kuntrattur, li kien stabbilit għal dan il-għan mill-Kumitat Konġunt. Fil-każ ta' installazzjoni ta' bozoz ġodda f'toroq li huma ta' kompetenza tal-Kunsilli Lokali, il-

Kunsill kien iressaq talba lill-EneMalta u kien fid-diskrezzjoni tagħha tilqax it-talba jew le.

25. Għaldaqstant il-Kunsill appellant isostni li l-pern tal-kwistjoni huwa jekk it-triq fejn seħħ l-inċident kinitx taqa' taħt ir-responsabbilità tiegħu. Jirreferi għax-xhieda tas-Segretarju Eżekuttiv meta ppreżenta dokumenti li juru li t-triq inkwistjoni mhijiex kompetenza tiegħu imma tal-Gvern Ċentrali ċjoè ta' Transport Malta. Isostni li l-Ewwel Qorti ma tatx każ ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti eżebiti, inkluż dokumentazzjoni li turi li t-triq hija żona ta' riżerva naturali Natura 2000 u għalhekk imħarsa. Għaldaqstant isostni li l-Kunsill Lokali ma setax jaqbad u jnaddaf u jiżbor kwalsiasi ħaxix li kien ġej mir-riżerva u li kien qiegħed imxabbat fuq il-bankina. Tant din it-triq mhijiex tal-Kunsill Lokali, li kif innutat l-Ewwel Qorti, il-Kunsill Lokali kellu jikteb lid-Dipartiment tal-Cleansing biex inaddaf il-bankina. Qal li l-Ewwel Qorti ma ndunatx li, kieku din it-triq kienet kompetenza tal-Kunsill Lokali, kien juża' l-kuntrattur tiegħu li jnaddaf it-toroq l-oħra u mhux jikteb biex dipartiment tal-Gvern Ċentrali imur jagħmel xogħlu u jnaddaf. Isegwi għalhekk li l-Kunsill Lokali kellu jiġi meħlus minn kull responsabbilità.

26. It-tielet aggravju tal-Kunsill Lokali se jitqies mal-ewwel aggravju billi huwa estensjoni tal-istess. Il-Kunsill appellant jinsisti li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-Liġi billi ma daħlitx fil-kwistjoni jekk il-

Kunsill Lokali kienx l-awtorità kompetenti jew le li jieħu ħsieb Triq il-Power Station u jirreferi għar-**Regolament 3(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.57 tal-Liġijiet ta' Malta** li tipprovdi li l-Awtorità u ċjoè Transport Malta għandha żżomm lista tat-toroq li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha u liema lista hija fid-dominju pubbliku u ġiet annessa kopja tagħha mmarkata bħala Dok KLM1. Din il-lista turi b'mod ċar li Triq il-Power Station hija ta' Transport Malta billi hija arterjali. L-appellant ikompli li l-Ewwel Qorti ma daħlitx f'dan il-mertu għaliex injorat il-provi tal-Kunsill Lokali.

27. Il-kumpanija EneMalta plc laqgħet għal dan l-appell billi tgħid li l-aggravji tal-Kunsill appellant huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt. Fuq l-ewwel aggravju, il-kumpanija appellata laqgħet il-fatt li l-Kunsill appellant għaraf li l-kumpanija EneMalta plc ma kinitx responsabbli għad-dawl fit-triq inkwistjoni fid-data tal-inċident. Dan irrispettivament mill-fatt jekk ir-responsabbilità taqax fuq il-Kunsill Lokali jew fuq il-Gvern Ċentrali (Transport Malta). Tgħid li huwa bil-wisq evidenti li kemm Derek Fenech u l-Kunsill Lokali ntebħu li l-kumpanija appellata nġibdet f'dawn il-proċeduri bla bżonn u bla ebda ħtija u se tibqa' ġġorr spejjeż u piżijiet amministrattivi sakemm tinqata' s-sentenza. Dwar it-tielet aggravju, il-kumpanija appellata rrilevat li Dok KLM1 anness mar-rikors tal-appell qatt ma ġie prodott bħala prova quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk huwa inammissibbli f'dan l-istadju mingħajr talba skont l-**Artikolu 150 tal-**

**Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan irrispettivament mill-fatt li l-Kunsill appellant jgħid li dan id-dokument jinsab fid-dominju pubbliku.

28. L-attur appellat Derek Fenech wieġeb permezz tar-risposta tas-27 ta' Frar, 2019 u interpona wkoll appell inċidentali li se jiġi trattat aktar 'il quddiem. Fit-tweġiba tiegħu għall-appell tal-Kunsill Lokali, l-appellat Fenech qal hekk: (i) din il-Qorti m'għandhiex tqis Dok KLM1 u jirreferi għall-ġurisprudenza li tgħid li dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza. Fil-każ tagħna, id-dokument mehmuż mar-rikors tal-appell kien diġà jeżisti qabel ma ngħatat is-sentenza; (ii) il-Kunsill appellant qatt ma eċċepixxa li t-triq taqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorità għat-Trasport u billi dan huwa punt ġdid li ma tressaqx quddiem l-Ewwel Qorti huwa inammissibbli li jitressaq fl-appell; (iii) il-Kunsill Lokali appellant qatt ma talab is-sejħa fil-kawża tal-Awtorità għat-Trasport u/jew tal-Awtorità għall-Ippjanar. Ikompli li kien jinkombi fuq l-istess Kunsill li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-Awtoritajiet li fil-fehma tiegħu kellhom xi parti tat-tort għall-inċident; (iv) bl-aġir tiegħu, il-Kunsill appellant ammetta r-responsabiltà għat-triq inkwistjoni u jirreferi għall-korrispondenza[3] mibgħuta mill-istess Kunsill fid-19 ta' Settembru, 2011 lil Cleansing Services Department fejn ippremetta li t-triq hija frekwentata minn ħafna nies li jmorru jippassiġġaw u għalhekk hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix minn fuq il-bankina, kemm jista'

[3] Dok DH3 a folio 321.

jkun malajr. Kompla li n-nies qegħdin jimxu f'nofs tat-triq, bil-periklu li jittajru minn xi karozza. Dan il-periklu kien jeżisti qabel l-inċident, iżda l-attur appellat isostni li l-Kunsill Lokali stenbaħ biss wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri. L-istess japplika għall-periklu kkawżat min-nuqqas ta' dawl fit-triq inkwistjoni fejn il-Kunsill, seba' xhur wara l-inċident, ġibed l-attenzjoni tal-EneMalta fis-16 ta' Novembru, 2009 meta talab illi jsiru bozoz ġodda fit-triq.

29. L-appellat Jason Carabott wieġeb fis-27 ta' Mejju, 2019 billi qal li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u għandha tiġi konfermata. Huwa għamel tiegħu l-argumenti mressqa mill-appellat Derek Fenech, u dan mingħajr preġudizzju għall-kontestazzjoni tiegħu għall-appell inċidentali tal-istess Fenech.

30. Lura għall-aggravji tal-Kunsill Lokali appellant, l-ewwel punt li jrid jiġi deċiż huwa l-ammissibilità tad-dokument KLM1 anness mar-rikors tal-appell min-naħa tal-Kunsill appellant. Kemm il-kumpanija EneMalta plc, kif ukoll l-appellati l-oħra jsostnu li dan id-dokument huwa inammissibbli f'dan l-istadju tal-appell billi ġie ppreżentat mingħajr permess u hija prova ġdida, liema prova setgħet tressqet quddiem l-Ewwel Qorti. Il-kumpanija EneMalta plc iżżid ukoll li dan huwa irrispettivament mill-fatt li dan id-dokument jista' jkun huwa fid-dominju pubbliku.

31. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Mario Vella noe v. Francis Galea et** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022 ġie miżmum:

> *"Il-produzzjoni ta' dokumenti mar-rikors tal-appell kien regolat bl-art. 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif kien fiż-żmien relevanti*[4] *(qabel l-emendi magħmula bl-art. 3 tal-Att XXXII tal-2021). L-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu ġiet imfissra minn din il-qorti fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2011 in re* ***Josef Farrugia v. Christopher Carabott et*** *(ċitaz. nru 388/1998):*
>
> > *"7. Dan l-artikolu jidher illi qiegħed jagħti dritt inkondizzjonat lill-partijiet illi jippreżentaw kull dokument li jsaħħaħ it-talbiet jew l-eċċezzjonijiet, skond il-każ, mingħajr restrizzjoni. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tinqara u tiftehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' qorti ta' reviżjoni, fis-sens illi din il-qorti ma għandhiex, bħala regola, tqis provi illi ma nġibux quddiem qorti tal-ewwel grad għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħda ċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju. Jingħad "bħala regola" għax jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-interessi tal-ġustizzja jitolbu li ssir eċċezzjoni għar-regola, bħal meta d-dokumenti setgħu jinġiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza tagħhom feġġet biss fid-dawl ta' dak li jingħad fis-sentenza appellata.*
> >
> > *"8. … … … Jekk, allura, dawn id-dokumenti jinġiebu f'dan l-istadju din il-qorti tkun qiegħda effettivament taqdi l-funzjoni ta' qorti tal- grad billi tqis għall-ewwel darba provi ġodda."*

32. Illi Dok KLM1 ippreżentat mill-Kunsill Lokali appellant huwa dokument li juri lista tat-toroq arterjali u distributorji. Dan id-dokument qiegħed jiġi dikjarat bħala inammissibbli. M'hemmx dubju li dan id-dokument seta' jiġi ppreżentat qabel quddiem l-Ewwel Qorti. B'żieda ma' dan, jingħad li fuq l-istess dokument hemm il-*logo* ta' Transport Malta, biss però mhux imfisser minn fejn oriġina dan id-dokument. Jgħid li huwa fid-dominju pubbliku iżda, anki kieku stess dan huwa minnu, din l-istess Qorti jkun jeħtieġilha taċċerta ruħha dwar il-veraċità tal-istess u li huwa relevanti għall-mertu li għandha quddiemha. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti

[4] "145. Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor."

mhijiex sejra tqis Dok KLM1 bħala prova fil-konsiderazzjonijiet tagħha għal dan l-appell.

33. Induru għall-konsiderazzjonijiet rigwardanti l-ewwel u t-tielet aggravji mressqa.

34. Ġie miżmum fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Kirkop et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2016 illi:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali jibda biex jingħad li din l-azzjoni ta' danni tirreferi għal xilja li l-ħsara mġarrba hija dovuta għal nuqqas ta' żamma kif jixraq ta' triq pubblika b'nuqqas ta' tiswija illi kellha ssir minn awtorita' pubblika jew enti governattiva. Ir-rimedju li qed ifittxu l-atturi huwa dak li joħroġ mid-delitt jew kważi-delitt li jorbot lil kull persuna li tagħmel tajjeb għall-hsara li tiġri bl-egħmil (jew nuqqas ta' egħmil) tagħha[5]. Din ir-regola ġenerali torbot ukoll lill-Gvern jew entitajiet pubbliċi[6].*
>
> *Illi meta enti pubblika, fil-qadi ta' dmirijietha, kemm jekk huwa ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew twettiq ta' xogħlijiet rimedjali ta' opri pubbliċi, viġilanza u tal-kontroll, hija mistennija illi tuża l-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja kif stabbilit mill-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili[7];*
>
> *Illi l-liġi teħles mir-responsabbilta' ta' xi egħmil li jġib il-ħsara dak kollu li jiġri minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri[8]. Madankollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[9] u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju[10] jew, għallanqas, ikun jista' jiġi evitat[11].*

---

[5] Art. 1031 tal-Kap. 16.
[6] App Ċiv. 28.2.2011 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Micallef v. Direttur tax-Xogħlijiet.**
[7] App. Inf. EG 30.9.2015 fil-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Siġġiewi et**, u r-referenzi hemm imsemmija.
[8] Art. 1029 tal-Kap. 16.
[9] P.A. 17.5.1902 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech noe v. Gatt noe et** (Kollez. Vol. XVIII.ii.164).
[10] App. Ċiv. 16.11.1942 fil-kawża fl-ismijiet **Raymond noe v. Busuttil pro et noe** (Kollez. Vol. XXX1.i.554).
[11] App. Ċiv. 14.1.1919 fil-kawża fl-ismijiet **Azzopardi v. Arcicovich et** (Kollez. Vol. XXIV.i.172).

*Min-naħa l-oħra, dak li jitnissel minn forza maġġuri huwa fatt li jiġri u li ma jista' jiqaflu ħadd*[12]*;*

*Illi meta l-parti mixlija bi ħsara tgħid li ma kinitx taħti minħabba l-aċċident jaqa' fuqha l-piż li tipprova dawn iċ-ċirkustanzi."*

35. Il-Kunsill Lokali appellant jgħid li l-Ewwel Qorti njorat il-provi mressqa minnu dwar il-fatt li t-triq ma taqax fil-kompetenza tal-Kunsill. Din il-Qorti iżda ma taqbilx, peress, li mhux minnu li l-Ewwel Qorti skartat fis-sħiħ l-argument tal-Kunsill Lokali li t-triq mhijiex ta' kompetenza tal-istess Kunsill. Veru li ma daħlitx fid-dettall u ma rreferietx għax-xhieda tas-Segretarju Eżekuttiv iżda fil-paragrafu 32 tas-sentenza tibda billi tgħid li l-Kunsill qiegħed isostni li t-toroq arterjali ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu. Imbagħad għaddiet mill-ewwel biex tikkonkludi li hija r-responsabbilità tal-Kunsill li jiżbor is-siġar u jaqta' l-ħaxix fit-triq b'mod li ma jħallix il-bankina tispiċċa f'periklu għal kull min jimxi fuqha, billi l-utent tal-istess bankina jkun imġiegħel jinżel fit-triq biex jibqa' għaddej fi triqtu. L-Ewwel Qorti kompliet li kien biss wara li seħħ l-inċident inkwistjoni li l-Kunsill kiteb lil Cleansing Servicing Department biex jiżbor is-siġar u jaqta' l-ħaxix. Imbagħad fil-paragrafi 38 u 39 tas-sentenza, l-Ewwel Qorti donnha kkwalifikat il-konklużjoni tagħha billi qalet li l-Kunsill Lokali naqas milli jonora l-obbligi tiegħu fir-rigward taż-żbir tas-siġar għaliex ma talabx li dawn is-siġar u l-ħaxix jinżabru.

[12] App. Ċiv. 7.6.1940 fl-kawża fl-ismijiet **Borġ Falzon pro et v. Darmanin pro et noe** (Kollez. Vol. XXX.i.869.

36. Jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li fir-rikors promotur, fl-ewwel premessa, jingħad li l-inċident inkwistjoni seħħ ġewwa Triq il-Wilġa, illum magħrufa bħala Triq il-Power Station, Marsaxlokk. Fl-okkorrenza eżebita bħala Dok DF1[13] tniżżel li l-inċident seħħ fi Triq il-Wilġa, Marsaxlokk. Fl-iskizz li tħejja, it-triq fejn seħħ l-inċident tniżżlet bħala Triq il-Power Station[14]. PS 645 Gerald Attard, li ħejja l-iskizz u r-rapport, fisser[15] li fil-perjodu tal-inċident kellu jniżżel it-triq fejn seħħ, bħala li kienet Triq il-Wilġa, billi fis-sistema tal-kompjuter, Triq il-Power Station, Marsaxlokk ma kinitx teżisti. Fil-fatt fl-iskizz niżżilha kif suppost bħala Triq il-Power Station. Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta bl-ebda mod. Anki fl-okkorrenza[16] fil-parti '*Police Version of Events*' tniżżel li fl-4 ta' April, 2009 għall-ħabta ta' 20:20hrs, il-Pulizija ġiet infurmata li kien seħħ inċident ġewwa Marsaxlokk fi Triq il-Power Station. Fl-affidavits tal-attur u ta' xhieda oħra mressqa minnu, ukoll jirreferu għall-isem tat-triq bħala Triq il-Power Station. L-isem tat-triq fil-każ tagħna jassumi aktar importanza minħabba l-eċċezzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali appellant, li hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

37. Illi l-**Artikolu 33(1) tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta** (illum magħruf bħala **Att Dwar Gvern Lokali**) hekk kif kien fis-seħħ fiż-żmien tal-inċident kien jipprovdi:

---

[13] A folio 6.
[14] A folio 9.
[15] Xehed fl-10 ta' Diċembru, 2014.
[16] Dok GA1 a folio 124 *et sequitur.*

*"(1)Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u għad-dispożizzjonijiet ta' liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali huma:*

*(a) Li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija li ma tkunx proprjetà privata:*

*Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

*.........*

*(2)Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba` Skeda[17] li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbilità tal-Gvern, ħlief kif provdut skont il-paragrafi (m) jew (n) tas-sub-artikoli (1) ta' dan l-artikolu, u huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsill Lokali."*

38. Duncan Hall, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, xehed[18] li Triq il-Wilġa hija triq li taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, mentri Triq il-Power Station, Marsaxlokk hija triq arterjali u taqa' fir-responsabbilità tal-Gvern Ċentrali, u għalhekk taqa' fi ħdan Transport Malta. Triq il-Wilġa hija kantuniera ma' Triq il-Power Station. Fisser ukoll li s-siġar involuti jiffurmaw parti minn sit ta' Natura 2000[19]. Dan is-sit huwa konfini bejn iż-żewġ toroq. Dan ix-xhud ippreżenta wkoll korrispondenza[20] mibgħuta mill-Kunsill appellant matul is-snin, fejn l-Awtoritajiet responsabbli intalbu sabiex jiżbru s-siġar. Din il-korrispondenza hija datata wara d-data tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Jiġi rilevat ukoll li f'ħafna minn din il-korrispondenza ssir

[17] Fil-limiti ta' Marsaxlokk
[18] Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2016
[19] Dan ix-xhud ippreżenta Dok DH1 u DH2.
[20] Dok DH3.

referenza għal din it-triq u hija riferuta dejjem bħala triq arterjali.

39. Ladarba huwa stabilit li Triq il-Power Station, Marsaxlokk hija triq arterjali dan ifisser li din it-triq ma taqax fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali, żgur, inkwantu għal dak li jirrigwarda ż-żabra tas-siġar. Ifisser għalhekk li l-Kunsill Lokali għandu jiġi eżonerat inkwantu għaż-żabra tas-siġar.

40. Illi jeħtieġ li din il-Qorti tirreferi wkoll għal xi punti li l-attur appellat semma fit-tweġiba tiegħu. Qal li l-Kunsill appellat qatt ma eċċepixxa li t-triq taqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorità għat-Trasport. Filwaqt li huwa minnu li l-Kunsill Lokali Marsaxlokk ma semmiex speċifikatament l-Awtorità għat-Trasport, iżda inkwantu għall-qtugħ tal-ħaxix irrefera li din hija responsabbilità tal-MEPA, madankollu l-eċċezzjoni li t-triq fejn seħħ l-inċident ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk hija wiesgħa biżżejjed għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-pern tal-eċċezzjoni hija li t-triq inkwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbilità tiegħu. Għalhekk ma jistax jingħad li dan huwa punt ġdid, kemm għar-raġuni imsemmija, u kif ukoll għaliex meta Duncan Hall, Segretarju Eżekuttiv, xehed qal b'mod ċar li t-triq hija waħda arterjali u li taqa' fi ħdan Transport Malta.

41. L-attur appellat sostna wkoll li l-Kunsill appellant qatt ma talab il-kjamata in kawża tal-Awtorità għat-Trasport u/jew tal-Awtorità tal-Ippjanar u għalhekk il-Kunsill appellant ma jistax jitfa ħtija fuq terz meta jonqos li

jsejjaħ lil tali persuna fil-kawża.

42. Illi għalkemm normalment is-sejħa fil-kawża ssir mill-parti mħarrka, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetaħ il-kawża. Tista' ssir ukoll mill-Qorti *ex officio*, iżda qatt minn u fuq talba tal-imsejjaħ innifsu (Ara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fil-11 Mejju, 2011 fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe v. Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***). Għal xi żmien kien jingħad li ma għandhiex tintlaqa' talba għas-sejħa fil-kawża min-naħa tal-attur, meta dan seta' jew suppost li kien jaf, bl-eżistenza jew bl-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwistjoni, li huwa messu ħarrek sa mill-bidu (Ara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fl-14 ta' Jannar, 1938 fl-ismijiet ***Captur v. Feliċe*** u s-sentenzi hemm imsemmija). Iżda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt tħares iżjed lejn il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tal-imsejjaħ milli lejn l-għarfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawża) dwar kull min seta' kellu interess (Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Marzu, 1993 fl-ismijiet ***Joseph Ripard et v. Onor. Prim Imħallef Carmelo Schembri et*** u s-sentenzi hemm imsemmija) u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejħa fil-kawża ma tintużax biex jiddaħħal fil-kawża mħarrek ieħor flimkien mal-imħarrek oriġinali li ma messu tħarrek qatt (Ara sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et***).

43. Għaldaqstant fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza s-sottomissjonijiet tal-attur appellat ma jistgħux jitqiesu bħala li huma siewja.

44. Il-kwistjoni hija għalhekk jekk il-Kunsill Lokali għandux jiġi eżonerat ladarba t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq arterjali. L-Ewwel Qorti qalet li l-Kunsill Lokali naqas billi m'avżax lill-awtoritajiet responsabbli biex jiżbru s-siġar u jiġi assigurat li l-bankina tista' tintuża' mill-utenti tat-triq. L-attur appellat isostni li ladarba l-Kunsill Lokali bagħat korrispondenza lill-awtoritajiet, dan ifisser li taċitament aċċetta r-responsabbilità. Din il-Qorti ma taqbilx. Lanqas taqbel mal-Ewwel Qorti li l-Kunsill Lokali għandu jinżamm responsabbli tan-nuqqas ta' qtugħ ta' ħaxix u għan-nuqqas li ma nżabrux is-siġar u dan billi t-triq u s-siġar jaqgħu taħt ir-responsabbilità ta' awtoritajiet oħra. L-obbligu li jinnotifika lill-Awtoritajiet oħra ma joħroġx mil-Liġi. Lanqas ma ntwera permezz ta' xi prova li b'xi mod il-Kunsill Lokali kien jaf qabel l-inċident li seħħ b'dawn in-nuqqasijiet u baqa' ċass. Dan ma jridx jinftiehem li l-Kunsill Lokali f'ċirkostanza bħal din imsemmija kien neċessarjament se jinżamm responsabbli għaliex ladarba ż-żabra tas-siġar u l-qtugħ tal-ħaxix ta' dik it-triq arterjali ma kienx jaqa' fil-mansjoni tiegħu, il-Kunsill ma kellux is-saħħa li jġiegħel lil dik l-Awtorità biex twettaq l-obbligi tagħha. Il-fatt li l-Kunsill Lokali appellant ħa ħsieb li jibgħat korrispondenza (wara d-data tal-inċident) lill-entitajiet responsabbli ma jfissirx li aċċetta xi responsabbilità iżda hija turija li mexa b'diliġenza biex jaqdi liċ-ċittadini tal-lokal tiegħu.

45. Sfiq ma' dan, ma jista' qatt ikun dubitat illi anke fil-każ tal-amministrazzjoni pubblika, jew ta' dawk l-enti tagħha regolati minn liġijiet specjali, kull attività trid tiġi żvolta fil-limiti tal-liġi u, fuq kollox, fil-ħarsien tan-norma primarja *neminem laedere*. Tali prinċipju hu estiż għall-manutenzjoni ta' servizzi pubbliċi u għall-viġilanza u kontroll tagħhom. Hekk l-omissjoni *da parte* tal-enti pubblika kapaċi tiġi individwata fil-każ fejn iċ-ċirkostanza speċifika tesiġi attività determinata għal ħarsien tad-drittijiet tat-terzi soġġetti, reċipjenti tas-servizz provdut minnha. Biex wieħed ikompli ma' dak aktar 'il fuq aċċennat, għal finijiet tal-verifika tar-rapport ta' kawżalità, wieħed jeħtieġlu, fuq ir-riċerka u apprezzament tal-fatti, jiddetermina obbligu pożittiv ta' kondotta li l-inosservanza tagħha ġabet, fuq il-bażi tal-ġudizzju tal-kawżalità, l-event dannuż (Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-14 ta' Diċembru, 2016 fl-ismijiet ***John Abdilla et v. Water Services Corporation***).

46. Illi ma jistax ma jiġix rilevat li fit-tielet aggravju, il-Kunsill Lokali appellant irrefera għar-**Regolament 3(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.57**. Madankollu l-**Avviż Legali 291** ġie ppubblikat fis-sena 2018 u għalhekk, wara l-inċident, u b'hekk mhux applikabbli għall-każ tagħna. B'żieda ma' dan, jingħad ukoll li l-**Att XV tas-sena 2009**, li b'effett tiegħu ġie promulgat il-**Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta** u b'hekk twaqqfet l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010

permezz tal-**Avviż Legali 349 tas-sena 2009**.

47. L-Ewwel Qorti rreferiet għal sentenzi li enunċjaw prinċipji validi iżda naturalment il-premessa hija dejjem li l-entità pubblika għandha r-responsabbilità li twettaq ix-xogħlijiet jew tħares l-ambjent tal-lokal jew tat-triq partikolari.

48. Illi l-Kunsill Lokali appellant isostni li għandu jiġi eżonerat anki għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' dawl fit-triq għall-istess raġuni li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq arterjali.

49. Illi kif diġà ġie rilevat, ebda parti m'appellat minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-EneMalta plc inħelset mill-osservanza tal-ġudizzju u għalhekk din il-parti tas-sentenza għaddiet in ġudikat. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li wassalha biex teħles lill-kumpanija appellata minn kwalunkwe responsabbilità kien li l-Kunsill Lokali kellu l-obbligu li jitlob għall-installazzjoni tal-arbli tad-dawl fit-triq inkwistjoni. Kien biss wara li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni li l-kumpanija appellata jiskattalha d-dmir li tipproċessa l-istess applikazzjoni u twaħħal l-arbli tad-dawl mitluba.

50. Illi l-Inġinier George Portelli u Marisa Cassar fl-affidavits tagħhom ikkonfermaw li qabel id-data tal-inċident l-EneMalta qatt ma rċeviet talba mill-Kunsill Lokali Marsaxlokk sabiex jitwaħħlu lampi pubbliċi f'din it-triq.

It-talba saret biss fis-16 ta' Novembru, 2009 (tmien xhur wara l-inċident) u malli din saret, il-lampi pubbliċi twaħħlu fejn mitlub. Dawn ix-xhieda ma ġewx kontro-eżaminati u x-xhieda tagħhom ma ġiet kontradetta bl-ebda prova oħra.

51. Il-**Leġislazzjoni Sussidjarja numru 363.91**, l-**Ordni dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet (*recte* Installazzjonijiet) ta' Tidwil fit-Toroq lill-Kunsilli Lokali**, fit-**Tieni Skeda Artiklu 2(2)**, tindika li d-data effettiva tad-delega ta' twaħħil ta' tidwil ġewwa Marsaxlokk kienet it-30 ta' Diċembru, 2002. L-inċident seħħ fl-4 ta' April, 2009 u għalhekk kien l-obbligu tal-Kunsill Lokali li jieħu ħsieb li t-triq tkun imdawwla għaliex tali obbligu kien jirriżulta mil-liġi.

52. Għaldaqstant l-ewwel u t-tielet aggravji huma miċħuda.

53. Fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, il-Kunsill Lokali appellant jirreferi għall-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ikkonkludiet li l-attur Fenech kien ukoll negliġenti u kkontribwixxa għall-inċident, u l-Ewwel Qorti attribwiet lill-attur appellat terz tat-tort. L-istess għamlet fil-konfront ta' Jason Carabott. Il-Kunsill Lokali appellant jinsisti li l-Ewwel Qorti kellha tattribwixxi t-tort biss lill-konvenut appellat Carabott, li kien qiegħed isuq il-vettura u lill-attur li ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa. Dan billi kull min imur jiġġoggja għandu jilbes ilbies li jidher billi jirrifletti d-dwal tal-vetturi u

joqgħod f'dik il-parti tat-triq li minnha t-traffiku jiġi mid-direzzjoni opposta. Kompla li min jiġġoggja ma jużax bankini imma juża t-toroq għaliex il-wiċċ tkun tassorbi aħjar id-daqqa tas-sieq u tikkaġuna anqas ħsara fis-saqajn ta' min ikun qed jiġġoggja jew jiġri u billi t-triq hija s-soltu ċatta aktar minn bankina. Għalhekk ir-rikorrent għażel li jiġri fit-triq indipendentement mill-fatt li qal li l-bankina kienet imxekkla għaliex min jiġġoggja dejjem fit-toroq joqgħod.

54. Fil-konfront ta' Jason Carabott, il-Kunsill Lokali appellant jgħid li bħala sewwieq tal-vettura huwa kellu juża d-diliġenza ordinarja mitluba minn sewwieq li joqgħod attent jara x'hemm fit-triq. Il-karozza għandha dawl, it-triq fejn seħħ l-inċident hija relattivament dritta u għalhekk li kieku x-xufier eżerċita attenzjoni normali u raġonevoli kien jinduna jekk hemm xi ħadd miexi fit-triq. Il-Kunsill Lokali appellant isostni li l-Ewwel Qorti kellha tqassam it-tort bejn l-attur appellat u l-konvenut l-ieħor appellat u jekk riedet iddaħħal Awtorità pubblika għaliex naqset milli tieħu ħsieb it-triq fejn jidħol dawl u żbir tas-siġar u ħaxix, it-tort kellu jaqa' wkoll fuq Transport Malta, li ma kinitx parti fil-kawża.

55. Dwar it-tieni aggravju, il-kumpanija appellata EneMalta plc straħet fuq in-nota ta' sottomossjonijiet preżentata fl-atti quddiem l-Ewwel Qorti. Partikolarment hija tistrieħ fuq il-fatt li ma jeżistix in-ness kawżali bejn in-nuqqas ta' lampi pubbliċi u l-fatt li l-konvenut Jason Carabott tajjar lil

Derek Fenech.

56. L-attur appellat min-naħa l-oħra jgħid li dan l-aggravju ma tressaqx mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra u allura dan l-aggravju jippresuponi li t-triq taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali. Ikompli jsostni li r-ritratti eżebiti jagħtu stampa ċara tal-qagħda tal-bankina. Itenni li kien id-dmir tal-Kunsill Lokali appellant li jieħu ħsieb u li jara li t-triq taħt il-kontroll tiegħu tkun fi stat tajjeb ta' konservazzjoni u manutenzjoni u kien fi dmir l-istess Kunsill li jżomm iż-żona pavimentata u ħielsa minn ostakli bla bżonn. Dan apparti n-nuqqas tiegħu li jdawwal it-triq b'mod tajjeb. L-appellat isostni li l-Kunsill appellant naqas milli jkun diliġenti. Kellu d-dover li jipprevedi r-riskju u l-passività tiegħu huwa aġir kolpuż.

57. Il-Qorti tqis li d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident mhux wisq kontestata. Jason Carabott kien qiegħed isuq fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk. L-attur appellat Derek Fenech kien qiegħed jiġġoggja ma' sieħbu fit-triq meta Carabott tajjar lill-istess Fenech, li b'konsegwenza ta' dan l-inċident ġarrab diżabilità permanenti. Mill-provi u mix-xhieda kollha jirriżulta li fil-parti fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm arbli tad-dawl u t-triq kienet mudlama. Apparti l-kwistjoni tal-kontributorjetà *o meno* tal-attur appellat, li se tiġi mistħarrġa fl-appell inċidentali mressaq minnu, din il-Qorti jidhrilha li m'hemmx dubju li l-fatt li t-triq ma kinitx imdawwla kkontribwiet sew għall-inċident u dan għaliex ix-xufier Carabott,

għalkemm ma rriżultax li kien qiegħed isuq b'xi veloċità eċċessiva jew b'mod perikoluż, però d-dawl tal-vettura tiegħu ma kienx bizzejjed biex jara sew dak li kien hemm quddiemu. Dan naturalment xorta waħda ma jeħilsux mid-doveri u obbligi tiegħu.

58. Għalhekk anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud għaliex in-nuqqas ta' dawl tajjeb fit-triq ikkontribwixxa għall-inċident.

59. Illi għalkemm din il-Qorti ma qablitx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-Kunsill Lokali kellu jitqies bħala responsabbli għaż-żabra tas-siġar u l-qtugħ tal-ħaxix, ladarba nstab li l-Kunsill Lokali kellu l-obbligu li t-triq tkun imdawla, it-tqassim ta' kontributorjetà għall-inċident xorta se titħalla kif deċiża mill-Ewwel Qorti.

60. Ngħaddu issa biex inqisu l-**<u>Appell Inċidentali</u>** tal-attur Derek Fenech li permezz tiegħu ressaq żewġ aggravji: (i) li huwa ma kkontribwiex għall-inċident; u (ii) l-*lucrum cessans* likwidat huwa baxx wisq. Għalhekk Derek Fenech m'appellax dwar is-somma likwidata bħala *damnum emergens* u kif diġà ngħad lanqas ma appella mill-kap tas-sentenza fejn il-kumpanija EneMalta plc inħelset mill-osservanza tal-ġudizzju.

61. Għal dan l-appell inċidentali wieġeb biss Jason Carabott fl-24 ta'

Ġunju, 2019 fejn għar-raġunijiet mogħtija fl-istess tweġiba sostna li l-aggravji mressqa huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

62. Huwa principju magħruf in materja ta' inċidenti stradali illi hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom, *ad exemplum*, il-ħin ta' bil-lejl, ix-xita u l-istat tal-art u rapporti oħra kontinġenti (***Kollez. Vol. XLVI P I p 112; Vol. LI P I p 210***). Ifisser dan, illi l-kriterju tar-responsabbilità tas-sewwieq tistrieħ fuq in-nozzjoni tad-diliġenza li hu għandu jadopera fil-konduzzjoni u l-kontroll tal-vettura tiegħu. In-nuqqas ta' din l-istess diliġenza ġġib b'konsegwenza għalih il-kolpa preżuntiva li ssemmi l-liġi fl-**Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili** (Ara sentenza ***Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Tal-Magħtab Construction Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-3 ta' Novembru, 2004).

63. Sewwieq ta' vettura jrid iżomm ukoll dik li komunement tissejjaħ *"a reasonably careful look-out",* liema dmir iġib miegħu wkoll dak li d-*driver* jara dak li jkun raġonevolment viżibbli. Riferibbilment għal dan it-tieni obbligu, ingħad diversi drabi mill-Qrati tagħna, fuq l-iskorta tad-duttrina Ingliża in materja, illi *"the duty to look implies the duty to see what is in plain view"* (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Michele Lanteri v. Alan Spiteri*** deċiża fid-29 ta' Jannar, 2016).

64. Ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet ***Micallef St. John et v. Spiteri et*** li:

> *"L-aggravju prinċipali tal-appellanti fir-rigward tar-responsabbilità hu in fatti illi l-pedestrian kien qiegħed jiġri b'dahru lejn it-traffiku u li, jekk ried jiġri fuq dik it-triq, kien messu għażel li hekk jaghmel fuq in-naħa tal-lemin biex ikun wiċċu lejn it-traffiku. Din il-Qorti ma tikkontestax illi dan kien probabbilment element li seta' sewa l-ħajja tal-pedestrian. Ir-rakkommandazzjoni tal-Highway Code f'dan ir-rigward hi waħda ta' għaqal kbir u kien fl-interess ta' kulħadd illi jsegwiha. Però l-inosservanza ta' dan il-monitu waħdu ma setax jitqies li kien element kontributorju għall-inċident għax ma hemm l-ebda indizju ta' prova illi kien xi fattur illi pprovokah jew li kkawżah. Ma hemm xejn x'jindika illi l-pedestrian, anke jekk kien qiegħed jiġri b'dahru lejn it-traffiku, għamel xi moviment li b'xi mod issorprenda lis-sewwieq. Kien indubbjament miexi rażenti t-tarf tat-triq, ma hemm xejn x'juri illi f'xi mument hu kien ħtieġlu jaqla' 'l barra mit-trajettorja li fiha kien qed jiġri. Kien jew kellu jkun fil-viżwali tas-sewwieq u dana b'mod inostakolat għal tul konsiderevoli. Kif ingħad però, il-fatt indubbju illi l-pedestrian seta' kellu l-opportunità illi jevita l-karozza ta' Spiteri li kieku kien qed iħares lejha u, forsi traġikament bata konsegwenzi għax hekk ma kienx qed jagħmel, dan il-fatt ma setax jitqies li b'xi mod ikkontribwixxa għall-inċident li ġie, kif sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti, kawżat unikament minħabba nuqqas, ammess tad-driver tal-vettura, illi jżomm a proper look out.*"

65. Fis-sentenza reċenti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet ***Martin Costa v. Jonathan Bugeja*** ngħad:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjetà jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[21], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[22].Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta` għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[23]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

[21] App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet **Galdes v. Micallef** (Kollez. Vol: XLVIII.i.59).
[22] P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Onorato Buġeja v. Dennis Aġius.**
[23] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et.**

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta` fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara[24]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;*

*Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"[25]."*

66. Huwa opportun ukoll li ssir referenza għal dak li jipprovdi l-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** għall-*pedestrians:*

*"Waqt il-mixi*

*14. Fejn hemm bankina jew passaġġ adekwat, użah. Evita mixi bla ħsieb fil-karreġġati. Dan huwa perikoluż għalik innifsek u għall-oħrajn.*

*15. Fuq bankina jew passaġġ, timxix fit-tarf u b'dahrek lejn it-traffiku. Tinżilx fit-triq qabel ma tiżgura ruħek illi tista' tagħmel dan bla periklu.*

*16. Pedestrians għandhom jevitaw li jimxu f'toroq arterjali jekk ma jkunx hemm passaġġi għall-mixi jew hard shoulder.*

*17. **Fejn ma jkunx hemm passaġġi jew bankini, jew fejn dawn ma jkunux biżżejjed, imxi fuq il-lemin tat-triq faċċata tat-traffiku. Għandek toqgħod ħafna attent u għandek timxi f'filliera waħda jekk it-triq hija dejqa jew m'hemmx dawl biżżejjed. Dejjem żomm qrib il-ġenb tat-triq.** Jekk tkun ġej għal liwja f'daqqa għal-lemin aqsam it-triq minn kmieni biex hekk is-sewwieqa li jkunu ġejjin ikunu jistgħu jarawk. Aqsam lura hekk kif ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan. **Fejn hemm ftit dawl, kun żgur li int liebes jew tkun qed iġġorr xi ħaġa ċara, u bil-lejl ilbes faxx jew strixxa li tleqq ma' driegħek, eċċ. Qatt m'għandek tilbes ilbies skur bil-lejl." [Enfażi ta' din il-Qorti].***

---

[24] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe.**

[25] **Froom v. Butcher** CA QB 286 (1976) per Denning LJ.

67. Din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn tikkunsidra dan l-ewwel aggravju tal-attur Derek Fenech bħala wieħed mhux fejjiedi. Fl-ewwel lok, l-attur kien liebes ilbies skur. Jgħid biss li kellu żarbun bir-*reflective patches* u sieħbu Julian Borg kien liebes ġakketta bi strixxi ċari li jidhru fid-dlam. L-attur u Julian Borg jixhdu fl-affidavits tagħhom li kienu mexjin wara xulxin, qrib il-bankina, b'Borg ikun fuq quddiem[26]. In kontroeżami[27] qal li ma kinux lebsin iswed iżda kienu lebsin skur. Ikkonferma wkoll li ħlief għaż-żraben li kienu jirriflettu d-dawl, fuq il-ħwejjeġ ma kellhom l-ebda apparat jew ħwejjeġ oħra li jirriflettu d-dawl. L-attur fisser li kien qiegħed jiġri wara sieħbu u kien hemm distanza bejniethom. Fl-istess seduta, in kontroeżami Julian Borg jgħid li huwa kellu ġakketta li kellha strippi ċari iżda ma jgħidx li dawn kienu jirriflettu d-dawl.

68. Min-naħa tiegħu, Jason Carabott jixhed li ż-żewġ ġuvintur kienu t-tnejn lebsin skur u kienu mexjin fejn xulxin u mhux wara xulxin. Huwa jiċħad li kien qiegħed isuq viċin il-bankina iżda kien aktar lejn nofs it-triq. Hemm qbil li t-triq kienet mudlama.

69. Din il-Qorti ttenni li m'hemmx dubju li l-fatt li t-triq kienet mudlama, għaliex fil-parti li seħħ l-inċident ma kienx hemm arbli tad-dawl, kien fattur li kkontribwixxa. Ma jirriżultax li Jason Carabott kien qiegħed isuq b'mod perikoluż jew b'xi sewqan eċċessiv tant li fl-okkorrenza tniżżel li Derek

---

[26] A folio 148 et seq.
[27]Xehed fil-5 ta' April, 2017.

Fenech innifsu stqarr li ma jaħsibx li tal-vann kien qieħed isuq b'veloċità qawwija. Minkejja dan kollu, bla dubju l-konvenut appellat (Carabott) ma żammx l-attenzjoni xierqa u dan meta wieħed jikkunsidra li t-triq tagħti viżwali u fit-tul u l-istess konvenut Carabott aċċetta li anke huwa kkontribwixxa għall-inċident li seħħ tant li m'appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

70. B'danakollu l-attur Derek Fenech ma jistax jinħeles għal kollox mir-responsabbilità, kif qiegħed jippretendi u dan ladarba li ġie ppruvat li hu kien qiegħed jiġġoggja, x'aktarx fejn sieħbu fit-triq u mhux wara xulxin kif sostna huwa, fi triq mudlama, mhux faċċata tat-traffiku u liebes ilbies skur ħlief għal żarbun bir-*reflective patches*. Derek Fenech għalhekk ma wżax dik id-diliġenza meħtieġa biex jevita s-sinistru għaliex huwa kellu jobsor li setgħu jgħaddu vetturi minn hemm u ma jarawhx.

71. Għalhekk dan l-ewwel aggravju huwa miċħud.

72. Fit-tieni aggravju tiegħu, Derek Fenech jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħadet bħala l-paga medja l-ammont ta' €22,013 u ħassu aggravat ukoll bit-tnaqqis ta' 14% bħala *lump sum deduction.* Iddikjara li huwa jaqbel mal-grad ta' debilità ta' 5% u mal-*multiplier* ta' 35 sena.

73. Jason Carabott isostni li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet tajba.

74. Derek Fenech isostni li fiż-żmien tal-inċident l-introjtu tiegħu kien proprju ta' €22,013. L-Ewwel Qorti ma ħaditx kont taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja meta ħadet din is-somma biex tqis il-*lucrum cessans*. Jgħid li hija l-prassi ta' din il-Qorti, li wieħed jikkunsidra li l-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena.

75. Min-naħa tiegħu, Jason Carabott tenna li huwa kien qabel fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li għandu jkun il-valur ta' €22,013 li jintuża bħala l-valur tal-introjtu effettiv, wara li kkunsidra li l-ammont għandu jitqies li diġà kien imdawwar favur l-attur. Huwa jtenni li l-introjtu għandu jitqies fuq bażi netta u mhux gross għaliex inkella id-danneġġjat ikun qieħed jirċievi somom li qatt ma jkun irċieva billi jinqatgħu mill-ewwel u jitħallsu lill-Gvern. Jgħid li l-introjtu li kellu l-attur qabel l-inċident seta' ġie kkalkulat bejn €16,500 u €17,820.44 u b'hekk il-valur ta'€22,013 huwa diġà mdawwar biżżejjed.

76. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-ammont ta' €22,013 kien fil-fatt diġà miżjud għalkemm l-Ewwel Qorti ma spjegatx dan fis-sentenza tagħha. Biss però mid-dokumentazzjoni eżebita mill-attur ma jirriżultax li fid-data tal-inċident jew fis-sena ta' qabel, l-introjtu tiegħu kien ta' €22,013. Anzi kien anqas. L-attur ressaq provi dwar id-dħul tiegħu fis-snin sussegwenti

l-inċident fejn jirriżulta wkoll li jaħdem ukoll xogħol għal rasu apparti l-impjieg fiss tiegħu. Però jekk wieħed jirreferi biss biss għall-kuntratt ta' impjieg li kien għadu kif iffirma ftit ġimgħat qabel l-inċident[28], l-attur kien se jitħallas *an annual remuneration package of seventeen thousand five hundred (17500) euros.*

77. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li għandha tbiddel dan l-ammont li l-Ewwel Qorti qieset li kellu jservi bħala dħul gross annwali.

78. Derek Fenech jilmenta wkoll dwar it-tnaqqis bħala *lump sum payment deduction,* li kien ta' 14% billi l-inċident seħħ disa' snin u nofs qabel l-għoti tas-sentenza u b'hekk għadda żmien sostanzjali mill-event dannuż u għalhekk jitlob li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis.

79. Jason Carabott jilqa' għal din il-parti tal-aggravju billi jsostni li għalkemm huwa ma qabilx mal-linja li ħadet l-Ewwel Qorti (għalkemm iddeċieda li ma jappellax) iqis li l-attur qiegħed jinsa li l-kawża ġiet preżentata erba' snin wara l-inċident u għal dan jaħti l-istess attur u ma kienx hemm xi dewmien inġustifikat attribwibbli lilu.

80. Dawn il-Qrati għallmu wkoll li l-*lump sum payment* ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-sentenza

[28] Dok RF2 a folio 139

finali [ara ***Scicluna v. Meilaq*,** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawża tal-Prim Awla ***Caruana v. Camilleri*** PA 5 ta' Ottubru, 1993, il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara ***Agius v. Fenech*** 29 ta' Ottubru, 2003. (Ara wkoll ***Joseph Mifsud pro et noe v. Mariano Grixti et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar, 2020).

81. Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li jkun hemm tnaqqis ta' 14% billi qieset li l-proċedura bdiet ftit anqas minn erba' snin wara li seħħ l-inċident u s-sentenza ngħatat ħames snin wara. Din il-Qorti tqis li dan huwa raġunament li l-Ewwel Qorti setgħet legalment tasal għalih u għalhekk mhux se tbiddel tali deċiżjoni.

82. Għalhekk anki dan l-aggravju huwa miċħud.

83. Inkwantu għall-ispejjeż, filwaqt li din il-Qorti ma qablitx għal kollox mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti inkwantu ddeċidiet li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq arterjali, iżda billi rriżulta li l-kwistjoni li t-toroq ikunu imdawwla sew taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali bis-saħħa tal-Liġi, u billi għalhekk il-Kunsill Lokali xorta waħda nstab li kkontribwixxa għall-inċident tqis li l-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom xorta jbatihom l-

istess Kunsill Lokali.

84. L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandu jbatihom l-attur Derek Fenech.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **tiċħad l-appell prinċipali** mressaq mill-Kunsill Lokali Marsaxlokk[29], u tiċħad ukoll l-appell inċidentali imressaq minn Derek Fenech.

Bl-ispejjeż tal-appell prinċipali a karigu tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali a karigu ta' Derek Fenech. L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[29] Il-Kunsill appellant talab lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent Derek Fenech fil-konfront tiegħu. Filwaqt li din il-Qorti sabet li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq arterjali u għalhekk il-Kunsill ma kienx responsabbli għas-siġar u ħaxix fuq il-bankina, iżda sabet li kien responsabbli għad-dawl u għalhekk xorta waħda instab li kkontribwixxa għall-inċident u nżamm l-istess persentaġġ.